**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Matthew Gatt**

**Illum, 05 t'April 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Matthew Gatt, detentur tal-karta tal-identità numru, 292396M;

Akkuzat talli:

> nhar l-14 ta' Awwissu 2016, ghall habta ta' 01:00hrs fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' flus kontant, liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll wallet/creditcard/Health card/Passaport Kanadiz ghad

dannu ta’ Lu Guoping ta’ nazzjonalita Kanadiza u dan ai termini tal-artikoli 261, 270, 279(b) u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sab xi passaporti (ċertifikati tal-identità, dokumenti ta’ identifikazzjoni legalment validi maħruġa minn awtorità kompetenti għal skopijiet ta’ vjaġġar) u ma kkonsenjahomx fl-Uffiċċju tal-Passaporti jew lill-Pulizija fi żmien tmienja u erbgħin siegħa minn x’ħin sabhom u dan ai termini tal-Art 8 (2) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sab xi ħaġa mobbli li ma tkunx teżor, minghajr ma raddha lill-pussessur tagħha ta’ qabel, jekk kien magħruf; inkella mingħajr dewmien ma ghaddihiex f’idejn il-Pulizija u dan ai termini tal-Art 564(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli ghamel reat iehor wara li kien gie kkundannat ghal reat, b’sentenza datata 26 ta’ Mejju 2016, mahruga mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LLD, liema sentenza saret definittiva, b’hekk gab ruhu recidiv u dan ai termini tal-artikli numru 49, 50, u 289 Kap. 9, u b’digriet tal-Qorti tas-16 t’Awwissu 2016, il-kliem “Art. 49, 50, 289 Kap. 9” gew sostitwiti bil-kliem “Art. 22 tal-Kap. 446”.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset ix-xhieda u provi kollha prodotti.

Rat li meta sarlu l-ezami, l-imputat wiegeb illi huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat illi mibghut il-kunsens tal-Avukat Generali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi deciz bi proceduri sommarji.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat wiegeb illi huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu sa mill-bidu tal-proceduri u rega’ kkonferma tali ammissjoni wara li inghata zmien ragonevoli mill-Qorti sabiex jerga’ jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk l-ammissjoni bikrija tieghu giet debitament registrata fl-atti tal-kawza.

Illi in vista ta’ tali ammissjoni, l-akkuzi jinsabu pruvati.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Illi l-imputat ta lura r-rifurtiva.

Illi fl-assjem tieghu l-pre-sentencing report esebit mill-probation officer Anabel Bugeja a folio 35 et sequitur tal-process, huwa rapport pozittiv minn fejn jirrizulta li l-imputat qed jaghmel hiltu sabiex jirregola l-imgieba tieghu u hajtu in generali.

Illi, din il-Qorti, hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva fil-kaz odjern tista’ aktar tkun ta’ hsara milli ta’ gid ghall-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 270, 279(b), u 340(c) tal-Kap. 9, l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 61, l-Artikolu 564 (1) tal-Kap. 16, u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin, liema perjodu ghandu jibda jiddekorri wara li jghaddi t-terminu tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat tas-26 ta’ Mejju 2016.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur